



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 1341/2010, imressqa minn Samuel Martin-Sosa, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem il-moviment ambjentali Ecologistas en Acción, dwar lista ġdida ta' speċijiet friskju ta' estinzjoni fil-Gzejjeri Kanarji u r-rabta diretta tagħha max-xogħol ta' kostruzzjoni qrib Puerto de Granadilla

Petizzjoni Nru 1484/2010, imressqa minn José Luis Fernández Fuarros, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem il-grupp ta' azzjoni taċ-ċittadini kontra l-port industrijali ta' Granadilla, dwar il-lista ta' speċijiet protetti fuq il-Gżejjer Kanarji

1. Sommarju tal-petizzjoni

Sommarju tal-petizzjoni Nru 1341/2010

Il-petizzjonant jirreferi għall-adozzjoni mill-gvern lokali tal-Gżejjer Kanarji ta' liġi li tħejji lista ġdida ta' speċijiet friskju ta' estinzjoni fuq il-Gżejjer Kanarji. Din il-liġi qanqlet stmerrija mifruxa fost in-nies lokali u nċaħdet mill-komunità xjentifika minħabba li l-lista tħalli barra 89 speċi. Barra minn hekk, l-ispeċijiet inklużi fil-gruppi 2 u 3 tal-lista jistgħu jiġu ddikjarati mhux protetti għall-finijiet ta' proġetti pubbliċi ta' prijorità individwali. Il-petizzjonant iqis li hemm rabta diretta bejn din il-lista l-ġdida u x-xogħol ta' kostruzzjoni qrib Puerto de Granadilla, ladarba din il-lokalità hija l-ħabitat tal-ispeċi tal-ħaxix tal-baħar *Cymodocea nodosa*. Din l-ispeċi issa hija inkluża fil-grupp 3 u għaldaqstant ma għadhiex ostaklu għax-xogħol ta' kostruzzjoni tal-port; il-lista l-ġdida se tippermetti wkoll li jitwettqu għadd ta' proġetti ta' infrastruttura oħra. Għaldaqstant, il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew biex jinvestiga jekk il-lista l-ġdida hix konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u biex jerġa' jeżamina l-awtorizzazzjoni għax-xogħol ta' kostruzzjoni fi Puerto de Granadilla.

Sommarju tal-petizzjoni Nru 1484/2010

Il-petizzjonant joġġezzjona kontra l-liġi li tistabbilixxi lista ġdida ta' speċijiet protetti fuq il-Gżejjer Kanarji, għax jargumenta li n-nuqqas li l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-abbozz ta' liġi rilevanti huwa ksur tad-Direttiva 2003/04/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali, kif ukoll għall-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-petizzjonant jikkontesta wkoll kemm hu xieraq li jintużaw il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għax-xogħlijiet li qed jitwettqu fil-port ta' Granadilla.

2. Ammissibilità

Petizzjoni Nru 1341/2011: Iddikjarata ammissibbli fid-9 ta' Frar 2011.

Petizzjoni Nru 1484/2011: Iddikjarata ammissibbli fl-14 ta' Marzu 2011.

Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni skont l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura.

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Lulju 2011

Kif ġie kkomunikat fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-2 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni talbet li tingħata informazzjoni mill-awtoritajiet Spanjoli dwar il-konformità tal-lista l-ġdida ta' speċijiet fil-periklu tal-Gżejjer Kanarji mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet. Il-Kummissjoni rċeviet l-ewwel risposta mill-awtoritajiet Spanjoli li xorta qajmet xi tħassib fir-rigward tal-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-lista l-ġdida mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-ħabitats¹. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Spanjoli ntalbu jagħtu aktar kjarifiki dwar l-iskema ta' protezzjoni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness III tal-lista l-ġdida bl-iskema ta' protezzjoni pprovduta mid-Direttiva dwar il-ħabitats għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness IV tagħha. Bħalissa, il-Kummissjoni qiegħda tivvaluta l-aħħar risposta ta' Spanja.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, kif previst fid-Direttiva 2003/4/KE², il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li din id-Direttiva ġiet approvata biex tadatta d-dritt tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Aarhus³. Skont id-Direttiva, l-awtoritajiet pubbliċi huma meħtieġa jagħmlu l-informazzjoni ambjentali disponibbli li jkollhom jew li tkun qiegħda tinżamm għalihom lil kull applikant meta dan jitlobha u mingħajr ma jkollu jiġġustifika t-talba tiegħu. Dan jimplika li, sabiex id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva jkunu applikabbli, għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-aċċess għall-informazzjoni ambjentali. Mill-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanti, mhuwiex ċar jekk ġietx ippreżentata tali talba għall-aċċess. Għandu jiġi mfakkar ukoll li skont l-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva, Stat Membru għandu l-possibilità li jirrifjuta l-aċċess jekk it-talba tirrigwardja materjal li jkun għadu qiegħed jiġi kkompilat jew dokumenti jew data mhux kompluti.

Barra minn hekk, l-Artikolu 7 tad-Direttiva jistabbilixxi wkoll li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw tixrid attiv u sistematiku tat-tagħrif ambjentali rilevanti għall-funzzjonijiet tagħhom u li jkun għandhom jew miżmum għalihom. Minkejja dan, dan l-obbligu huwa

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. ĠU L 206, 22.07.1992.

² Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva 90/313/KEE, ĠU L 41, 14.2.2003.

³ Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali magħmula f'Aarhus, id-Danimarka, fil-25 ta' Ġunju 1998, ĠU L 124, 17.5.2005.

ristrett għal ċerti kategoriji ta' dokumenti u ma jeħtiegħ li jiġi ppubblikat abbozz ta' liġi skont dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

L-applikazzjoni tal-Proġett Maġġuri ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2009, b'applikazzjoni riveduta rċevuta fis-27 ta' Diċembru 2010, issostni li l-ispejjeż globali eleġibbli jammontaw għal EUR 113 299 864, li EUR 83 750 000 minnhom jiġu inklużi fid-Deċiżjoni tal-Għotja. B'rata ta' kofinanzjament ta' 80 %, il-kontribuzzjoni tal-fond tal-UE tiżdied għal EUR 67 000 000 jekk tiġi approvata. Fil-fatt, minkejja li l-Proġett Maġġuri ġie ddikjarat ammissibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni għadhom qegħdin janalizzaw id-dossier u jwettqu l-konsultazzjonijiet interni meħtieġa. Għalhekk, għadha ma tteħditx deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tiegħu.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li l-approvazzjoni tal-abbozz ta' liġi li tistabilixxi lista ġdida tal-Gżejjer Kanarji ta' speċijiet fil-periklu ma tikkostitwixxix ksur tad-Direttiva 2003/4/KE.

Il-Kummissjoni qiegħda tanalizza r-risposta l-aktar reċenti tal-awtoritajiet Spanjoli biex tivverifika l-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-lista l-ġdida mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Habitats.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi bir-reqqa l-implimentazzjoni sħiħa u xierqa tad-dispożizzjonijiet tal-Opinjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Habitats rigward il-proġett tal-port il-ġdid ta' Granadilla biex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV.), li waslet fit-30 ta' Ottubru 2013

Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Spanjoli fil-kuntest ta' investigazzjoni Pilota tal-UE. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, bis-saħħa tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2010 tal-Gżejjer Kanarji, ċerti speċijiet ta' annimali u pjanti elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Habitats¹ jistgħu jiġu esklużi minn kwalunkwe tip ta' protezzjoni kull meta jkunu 'l barra mil-limiti taż-żoni protetti fit-territorju tal-Komunità Awtonoma. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din kienet tkun interpretazzjoni eċċessivament stretta tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva, li tipprevedi sistema ta' protezzjoni stretta għal dawg l-ispeċijiet irrispettivament mill-fatt jekk ikunux ġewwa jew barra l-limiti taż-żoni protetti.

Rigward it-tħassib tal-petizzjonant dwar il-port ta' Granadilla, il-Kummissjoni tinnota li l-ispeċi *Cymodocea nodosa* mhix imniżżla fl-Annessi tad-Direttiva dwar il-Habitats bħala waħda mill-ispeċijiet ta' Interess Komunitarju jew li teħtieġ sistema ta' protezzjoni stretta.

Konklużjoni

Fis-26 ta' April 2013, il-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri amministrattivi ta' ksur u

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. ĠU L 206, 22.07.1992.

bagħtet ittra ta' avviż formali lil Spanja fejn talbet l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Spanjoli dwar il-Liġi Reġjonali Nru 4/2010 tal-Gżejjer Kanarji. Fil-preżent, il-Kummissjoni qiegħda tanalizza l-informazzjoni mressqa minn Spanja biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Habitats qegħdin jiġu applikati b'mod korrett f'dan il-każ.

5. Risposta tal-Kummissjoni (II), li waslet fid-19 ta' Diċembru 2013

L-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva dwar il-Habitats¹ jeħtieġu li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni stretta għall-ispeċijiet tal-annimali u l-pjanti kollha elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva. Wara valutazzjoni tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli bħala risposta għall-ittra ta' avviż formali li ntbagħtet fis-26 ta' April 2013, il-Kummissjoni kkonkludiet li, bl-adozzjoni tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2010, li tistabbilixxi l-Katalgu l-ġdid ta' Speċijiet Protetti fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji, Spanja naqset milli tistabbilixxi sistema ta' ħarsien strett fit-territorju tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji għal 65 speċi ta' annimali u pjanti elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Habitats.

Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta opinjoni motivata fl-20 ta' Novembru 2013. Il-Kummissjoni stiednet lir-Renju ta' Spanja jiehju l-miżuri neċessarji biex ikun konformi ma' din l-Opinjoni Motivata u jagħti r-risposta tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn.

6. Risposta tal-Kummissjoni (III), li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Petitizzjonijiet Nru 1341/2010 u 1484/2010

Fl-20 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata minħabba l-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Reġjonali Nru 4/2010, li jistabbilixxu l-Katalgu ġdid ta' Speċijiet Protetti fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji, ma żgurawx sistema ta' ħarsien strett fit-territorju tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji għal 65 speċi ta' annimali u pjanti elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Habitats². L-awtoritajiet Spanjoli ġew mistiedna biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din l-Opinjoni Motivata fi żmien xahrejn.

L-awtoritajiet Spanjoli rrispondew li l-Liġi Reġjonali Nru 4/2010 ġiet emendata bid-Digriet Nru 20/2014 tal-20 ta' Marzu bil-ħsieb li tiġi provduta protezzjoni adegwata għall-ispeċijiet ta' annimali u pjanti kkonċernati irrispettivament minn fejn iseħħu, skont id-Direttiva dwar il-Habitats.

Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2013) 4885 li tapprova

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. ĠU L 206, 22.07.1992.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. ĠU L 206, 22.07.1992.

kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond ta' Koeżjoni għall-proġett ewlieni Obras de abrigo del Puerto de Granadilla, contradique del Puerto de Granadilla y restauracion de la Reserva Natural de Montana Roja (Fase I). Bħalissa, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni rilevanti ġdida li tista' tagħti lok biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha.

Konklużjoni

Wara l-adozzjoni tad-Digriet Nru 20/2014, is-sitwazzjoni ta' ksur tad-Direttiva dwar il-Habitats ġiet rimedjata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq dan il-każ f'Lulju 2014.